**L-istorja ta' Martha u Emanuela:**

Martha hija tifla ta' 6 snin. Fil-klassi għandha ħafna ħbieb. Din is-sena ġiet tifla ġdida magħhom u din jisimha Emanuela. Martha nnutat li Emanuela ma tħobbx titħallat mat-tfal. Dejjem tinqata' għaliha waħedha u fil-break tmur bilqiegħda ġo rokna taqra ktieb. Meta t-tfal jaraw lil Emanuela bilqiegħda, imorru jinkuha u darba waħda, Toni ħadilha l-ktieb u qattagħhulha. Emanuela tgħidx kemm bkiet u waqt li t-tfal l-oħra bdew jidħku biha, Martha ħasset ħafna għaliha u ddeċidiet li tgħinha.

Fil-break, Martha ħalliet lill-ħbieb li kellha u bdiet toqgħod aktar ma' Emanuela. Lill-ħbieb spjegatilhom li se tħallihom ftit sabiex Emanuela ma tkunx aktar waħedha u huma fehmuha u wara ftit, huma wkoll offrew lil Martha u Emanuela sabiex jibdew jilagħbu magħhom. Issa Emanuela għandha aktar ħbieb u t-tfal m' għadhomx jinkuha u jidħku biha.

Darba fost l-oħrajn, Emanuela nesiet il-ħobż id-dar u ma kellhiex x'tiekol fil-break. Martha tħobb tiekol ħafna iżda dakinhar għamlet sagrifiċċju u lil Emanuela tatha biċċa ħobż minn tagħha. Kemm ħadet gost Martha xħin rat lil Emanuela tiekol bħalha!

Meta Emanuela tkun ma tiflaħx, Martha ċċemplilha ftit id-dar u tirrakkontalha dwar xi jkunu tgħallmu u x'attivitajiet ikunu għamlu.

Filgħaxija, Martha u Emanuela jerġgħu jiltaqgħu l-MUSEUM u hemmhekk, Martha wkoll tgħin ħafna lil Emanuela biex qatt ma tkun waħedha. Bis-saħħa ta' Martha, Emanuela tinsab kuntenta ħafna fl-iskola l-ġdida u issa għandha ħafna ħbieb u sejra tajjeb ħafna.

